MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 470/1994/2

**L-Onorevoli Perit Dominic sive Duminku Mintoff u martu Moyra Mintoff, u b'digriet tat-30 ta' Gunju 1999 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anna McKenna u Yana Joan Mintoff Bland minflok Moyra Mintoff li mietet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta u l-Onorevoli Ministru ghall-Ambjent, u l-Arkitett Joseph Ellul Vincenti bhala *Chairman* ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni Enemalta**

## Il-Qorti:

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell – proprjament zewg appelli – minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Awissu 2004. Il-kawza proprja bdiet fl-1994, u tajjeb li wiehed jaghti r-retroxena taghha biex anke jispjega ghala dina l-kawza damet daqshekk biex tigi definittivament konkluza. L-atti tal-kawza llum jammontaw ghal hames volumi li b’kollox fihom ‘l fuq minn elfejn pagna.

**2.** B’rikors presentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Lulju 1994, il-Perit Duminku Mintoff u martu allegaw ksur fil-konfront taghhom tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba l-bini u t-thaddim tal-*power station* ta’ Delimara vicin hafna tar-residenza taghhom “Il-Gharix” fi Triq Delimara, Marsaxlokk, int u diehel lejn il-fanal ossia *lighthouse* li hemm f’dak il-post. F’wahda min-noti taghhom ir-rikorrenti allegaw ukoll[1] ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. B’sentenza moghtija minn dik il-Qorti fil-11 ta’ Awissu 1995 gie deciz hekk:

**“Ghal dawn il-motivi l-Qorti ticcediedi l-kawza billi (1) tiddikjara li r-rikorrenti sofrew u ghadhom isofru vjolazzjoni tad-dritt fondamentali taghhom billi gew u qed jigu privati mit-tgawdija pacifika tal-possedimenti [taghhom] u dan kif sancit fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; (2) in vista ta’ din id-dikjarazzjoni ma hemmx lok ghal decizjoni jekk dawn l-istess fatti u agir jivvjolawx l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta billi f’kull kaz ir-rimedju miftugh ghar-rikorrenti hu u kien ikun identiku; (3) ma tirrizultax lezjoni ta’ l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea; tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni u ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rimedju**

[1] Skond il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-ewwel s-sentenza taghha tal-11 ta’ Awissu 1995, “mhux b’tant konvinciment” – “Ir-rikorrenti jallegaw finalment u mhux b’tant konvinciment fl-ahhar paragrafu ta’ l-ahhar nota taghhom li bl-agir ta’ l-intimati gie u qed jigi lilhom vjolat id-dritt fondamentali taghhom ghar-‘rispett ghall-hajja privata u familjari, id-dar u ghall-korrispondenza’ kif sancit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.” Ara kopja ta’ l-imsemmija sentenza a fol. 1080 tal-atti, fol. 1134, pagna 55 tas-sentenza.

**xieraq u adegwat li ghalih jirrizulta li huma intitolati ir-rikorrenti. L-ispejjez jibqghu fic-cirkostanzi bla taxxa bejn il-kontendenti.”**

**3.** Minn din is-sentenza sar appell kemm mill-Prim Ministru u mill-Ministru ghall-Ambjent (ara fol. 1178 tal-atti) kif ukoll mic-*Chairman* tal-Korporazzjoni Enemalta. Wara skambju ta’ diversi noti ta’ sottomissjonijiet, din il-Qorti, diversament komposta, b’sentenza moghtija fit-30 ta’ April 1996, cahdet iz-zewg appelli, ikkonfermat is-sentenza appellata fit-totalita` taghha u rrinvjat l-atti lill-Prim Awla “ghall-kontinwazzjoni u decizjoni finali skond il-ligi”.

**4.** L-atti ghalhekk regghu marru quddiem il-Prim Awla, li issa kienet limitata biex tiddetermina r-rimedju skond il-ligi ghall-vjolazzjoni ga minnha riskontrata. Jekk wiehed jezamina l-verbali ta’ bejn l-14 ta’ Gunju 1996 (fol. 1385) – l-ewwel udjenza quddiem il-Prim Awla wara li l-atti kienu gew trasmessi lilha minn din il-Qorti – sad-19 ta’ Mejju 2000 (fol. 1438) wiehed isib li l-partijiet ghamlu kwazi tlett snin jilluzingaw lil xulxin, kif ukoll lill-Qorti, bil-possibilita` ta’ transazzjoni. Kien biss fl-udjenza tas-26 ta’ Mejju 2000 li d-difensuri tar-rikorrenti – difensuri li, ghandu jinghad, inbidlu diversi drabi matul il-proceduri kollha sal-lum – infurmaw lil dik il-Qorti li kien jidher li ma kienx hemm aktar possibilita` ta’ transazzjoni. In segwitu, fost hafna noti “spjegattivi” tar-rikorrenti u rikorsi taghhom, issa ghal haga u issa ghal ohra, u, naturalment, risposti mill-kontroparti – atti li, fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti servew biss biex ikomplu jtawwlu l-process u jtaqqluh b’materjal fil-parti l-kbira tieghu irrelevanti ghall-kwistjoni tar-rimedju – gie nominat perit tekniku biex jaghmel stima tal-fond *de quo*, u dan ippresenta r-relazzjoni tieghu fid-29 ta’ Jannar 2001. Instemghu diversi provi ohra u gew ezibiti diversi dokumenti. L-imsemmi perit – l-A.I.C. David Pace – gie eskuss mir-rikorrenti fl-4 ta’ Mejju 2001. Ir-rikorrenti talbu n-nomina ta’ periti addizjonali (ara n-nota tas-16 ta’ Marzu 2001 u l-verbal ta’ l-udjenza tal-4 ta’ Mejju 2001), u ghalhekk il-Prim Awla nnominat bhala periti perizjuri lill-A.I.C. Albert Borg Costanzi, Godwin Abela u Ludovico

Micallef. Dawn irrelataw fit-30 ta' Awissu 2001 (fol. 1581 *et seq.*).

**5.** Fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2001 (fol. 1599), wiehed mid-difensuri tar-rikorrenti, l-Avukat (illum Imhallef) Philip Sciberras, apparti li informa lill-Qorti li r-rikorrenti riedu jeskutu lill-periti addizzjonali, "ta informazzjoni lill-Qorti dwar it-trattattivi li qed isiru bejn il-partijiet li jistghu jsiru *(sic!)* ghal ftehim". Il-periti addizzjonali gew eskussi fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2002 u minn dik l-udjenza 'l quddiem bdew sensiela ohra ta' verbali li jaccennaw ghall-possibilita` ta' transazzjoni[2]. Intant, ir-rikorrenti ezibew fotokopja ta' "Minuti ta' Ftehim" riferibbilment ghal laqgha mizmuma fid-19 ta' Gunju 2002, iffirmati mill-allura Ministru tal-Finanzi l-Onorevoli John Dalli u r-rikorrent Perit Duminku Mintoff (fol. 1665). F'dana l-istadju qamet il-kwistjoni jekk il-"ftehim" tad-19 ta' Gunju 2002 kienx jammonta ghal transazzjoni tal-vertenza li kien hemm quddiem dik il-Qorti. Sussegwentement, b'rikors presentat mill-Prim Ministru u mill-Korporazzjoni Enemalta fis-6 ta' Frar 2004 (ghal xi raguni l-Ministru ghall-Ambjent ma jiffugurax f'dan ir-rikors), dawn iz-zewg intimati talbu li dik il-Qorti *"…joghgobha tordna illi l-kawza fl-ismijiet premessi titnehha minn fuq il-lista ta' kawzi appuntati ghas-smigh stante t-terminazzjoni taghha bit-transazzjoni tad-19 ta' Gunju 2002 a fol. 1665 tal-process."* Permezz ta' "risposta ulterjuri" taghhom tad-19 ta' Frar 2004 (fol. 1723), l-imsemmija zewg intimati *"ressqu formalment l-eccezzjoni tat-transazzjoni tal-kawza abbazi tat-transazzjoni tad-19 ta' Gunju 2002 esibita a fol. 1665 tal-process"*. Ir-rikorrenti, s'intendi, ma qablux li dak il-ftehim kien jammonta ghal transazzjoni u saru diversi noti ta' sottomissjonijiet mill-partijiet f'dan ir-rigward: ara, fost ohrajn, in-nota tar-rikorrenti tal-14 ta' Gunju 2004 (fol. 1839) u dik tal-intimati (din id-darba kollha) tal-25 ta' Gunju 2004 (fol. 1855). Fl-udjenza tas-16 ta' April 2004 rega' ddepona r-rikorrent Perit Mintoff u xi xhieda minnu prodotti, u hekk sar ukoll fl-udjenza tal-21 ta' Mejju 2004, meta l-kawza thalliet ghas-sentenza.

[2] Ara, fost ohrajn, fol. 1635 (24 ta' Mejju 2002), 1671 (15 ta' Novembru 2002), 1673 (11 ta' April 2003), u 1676 (20 ta' Gunju 2003)

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**6.** Qed tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha s-sentenza tal-Prim Awla tat-30 ta' Awissu 2004:

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors kostituzzjonali tal-Onorevoli Perit Dominic sive Duminku Mintoff u ta' martu Moira Mintoff fejn ippremettew :-

"1. Illi huma l-proprjetarji ta' dar bl-isem "L-Gharix" Triq ta' Dellimara, Marsaxlokk go Dellimara fuq in-naha tax-xellug int u diehel lejn il-fanal (Lighthouse);

"2. Illi r-raba li jinsab faccata ta' din id-dar fuq in-naha tal-lemin int u diehel lejn il-fanal fuq imsemmi giet espproprijata mill-Gvern, liema dar tar-rikorrenti hija biss mifruda minn din ir-raba esproprijat bil-wisgha tat-triq pubblika: minn din it-triq ma jghaddux f'daqqa wahda aktar minn zewg vetturi;

"3. Illi din l-esproprijazzjoni saret ftit wara l-elezzjoni tal-1987 meta tela' fil-Gvern il-Partit Nazzjonalista u liema espropriazzjoni saret bl-intiza li tinbena l-Power Station;

"4. Illi l-esponent u shabu ippublikaw zewg artikoli sabiex juru zewg punti principali: l-ewwel kien li jekk il-Power Station tinbena f'Dellimara kienet ser tgharraq l-ambjent ta' Marsascala u Dellimara u t-tieni biex jippruvaw kemm ekonomikament ghall-pajjiz ma kienx jaqbel illi l-Power Station tinbena hemmhekk; dwar dan l-esponent jaghmel prova fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza jekk ikun hemm bzonn;

"5. Illi dawn l-artikoli dehru wara l-espropriazzjoni izda qabel ma nbeda x-xoghol fuq il-Power Station. Fihom saru suggerimenti sabiex is-sit ikun f'Benghajsa fejn setghet tinbena l-Power Station minghajr ma taghmel dik il-hsara kollha u minghajr il-piz ekonomiku kbir;

“6. Illi l-Gvern u l-EneMalta ma redux jezaminaw bis-serjeta’ l-argomenti migjuba mir-rikorrent u shabu u sostnew li Benghajsa tigi fil-“flight path” tar-“Runway”. Riedu li din il-Power Station il-gdida tiggenera l-elettriku ta’ Malta kollha, ghaliex jekk il-Power Station tal-Marsa tinghalaq f’kaz ta’ incident, Malta tispicca bla energija elettrika. Il-Gverna u l-EneMalta sostnew li kien mehtieg bilfors cumnija gholja hafna, sabiex jitnaqqas l-inkwinament – “tniggis fl-ambjent”;

“7. Illi l-esponent ma jafx x’esperti uzaw l-intimati biex waslu ghal dawn il-konkluzjonijiet izda jaf biss li wiehed mill-esperti ewlenin fl-Airports, l-Ingignere Mario Marra qal car u tond li ma jaqbilx ma’ din it-tezi minkejja li dan kien konsulent tal-Gvern. Li hu maghruf huwa li wara li dan il-persuna integra esprimiet dan il-gudizzju, il-kuntratt taghha gie terminat mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili; l-intimati wkoll gabu l-argument li tali sit cioe` f’Benghajsa jista’ jfixkel l-operat tekniku inkluz kuntatt bejn il-control Tower u l-ajruplan, liema argument qatt ma gie sostenut b’mod serju;

“8. Illi r-rikorrent ghalkemm kien konvint li dawn l-argumenti ma kenux ibbazati fuq fatti xjentifici ghamel studju aktar fil-fond fuq il-kustjoni. Meta l-esponent kien mistieden mill-Gvern Amerikan fl-InterParliamentary Union fuq Global Environment li sehh f’Washington DC bejn id-29 ta’ April u t-2 ta’ Mejju 1990, permezz tas-Senatur Gore illum Vice President tal-Istati Uniti, saru kuntatti ma’ esperti f’din il-materja li assiguraw lir-rikorrenti illi bit-tibdil fl-istrumenti tal-ajruplani li jrid isir f’kull ajruplan skond l-istandards Amerikani, il-problema msemmija mill-intimati kienu kollha risolvibbli;

“9. Illi minkejja li dan kollu gie a konjizzjoni tal-Prim’Ministru u l-intimati ma jirrizultax li wrew interess serju biex isibu sit alternattiv ghal Dellimara/Marsaxlokk u dan minkejja li r-rikorrenti u shabu ghamlu suggerimenti ohra apparti minn Benghajsa; l-esponenti u shabu ghamlu ukoll suggerimenti dwar alternativi ghal magni li jiggeneraw l-elettriku izda ukoll hawnhekk l-intimati ma wrewx interess serju ghal dak li kien lilhom jigu propost;

"10. Illi l-intimati embarkaw fuq triq propogandistika fejn bezzghu lill-poplu Malti li jekk ma jibnux minnufih il-Power Station ta' Dellimara, Malta ser tispicca bla elettriku. Holqu f'mohh il-Maltin, l-idea li l-Power Station il-gdid jista' jaghlaq dik tal-Marsa, tant illi uzaw il-mezzi ta' Propoganda li wasslu biex iqarrqu lin-nies b'stampi sbieh li bihom wiehed jikkonkludi li l-Power Station sejra ssebbah l-inhawi ta' Marsaxlokk/Dellimara;

"11. Illi dan wera ruhu bic-car meta sar dibattitu fil-Parlament dwar din il-kwistjoni tal-Power Station, u l-Prim Ministru nomine rriduca dan id-dibattitu f'wiehed ta' "No Confidence" b'mod li oggettivament wiehed ma setax jiddistingwi bejn dak li hu fl-interess tal-pajjiz u passjonijiet personali u partiggjani; din il-manifestazzjoni dehret bic-car meta ghadda l-vot favur il-Gvern li l-Power Station tinbena f' Marsaxlokk/Dellimara u l-"Istrangers Gallery", li kienet mizghuda b'partitarji Nazzjonalisti bhala kor wiehed beda jkanta "Dellimara, Dellimara, Dellimara ……";

"12. Illi waqt il-bini tal-Power Station thaffret mina minn Marsaxlokk ghal Dellimara taht id-dar tar-rikorrenti. L-uzu ta' din il-mina hija biex kwantitajiet kbar ta' ilma u sustanzi necessarju biex ikesshu t-turbini jintremew f'Dellimara fil-bajja maghrufa bhala "Il-Hofra il-Kbira". Meta kienet qed tithaffer din il-mina, hass il-bini tar-rikorrenti u minkejja li dan ingibed ghall-attenzjoni tal-EneMalta dawn urew atitudini totalment negativa ghall-ilment fondat tar-rikorrenti;

"13. Illi minkejja il-ftahir kollu ta' l-intimati li sejrin jittiehdu il-prekawzjonijiet kollha biex jimminizzaw il-"pollution" f' "Dellimara/Marsaxlokk", l-intimati naqsu milli jaghmlu dan u ta' xejn l-esponent gibdilhom l-attenzjoni li fejn tezisti c-civilta' kif nafuha ahna, d-duhhan mic-cumnija irid jghaddi minn process sabiex jithallat mal-gir, isir gibs u d-duhhan li jibqa' jkun ta' hsara hafna anqas ghall-bniedem kif ukoll ghall-proprjeta`;

"14. Illi t-tip ta' cumnija mibnija bl-gholi esagerat kienet intiza biex tferrex id-duhhan cioe` il-pollution izda irrizulta

l-oppost. L-esponent sabiex jipprova dan qabbad a spejjez personali tieghu espert ta’ l-Universita’, Dottor Alfred J Vella, li kif jidher mir-rapport tieghu kopja esebita Dok “A”, wera b’mod xjentifiku u dettaljat li mill-Power Station ta’ Dellimara qeghdin johorgu sustanzi kimici li jaffettwaw is-sahha tal-bniedem u l-istruttura tad-dar “L-Gharix”;

“15. Illi f’daqqa wahda l-intimati habbru pubblikament li c-cumnija ghat-tieni fazi tal-Power Station se tkun hafna izjed baxxa minn dik gja mibnija u sejrin juzaw materjal differenti, bhal gas, ghall-produzzjoni tal-energija elettrika fil-magni tat-tieni fazi tal-Power Station liema suggeriment kienu originarjament mghoddija lill-intimati nomine li sistematikament warrbu kull parir lil jinghatalhom;

“16. Illi l-esponent meta jqis dan kollu jasal ghall-konkluzjoni li l-bini u l-uzu tal-istess Power Station f’Dellimara/Marsaxlokk il-boghod biss wisgha ta’ triq mid-dar tieghu u tal-mara “L-Gharix” ma kenitx decizjoni mehuda mill-intimati nomine skond il-gid komuni tal-pajjiz, izda decizjoni bbazata fuq passjoni politika;

“17. Illi tali Power Station taghmilha impossibbli li l-esponenti jkomplu juzaw u jgawdu d-dar taghhom “L-Gharix”, Triq Dellimara, Marsaxlokk/Dellimara ghar-ragunijiet premessi;

“18. Illi s-suespost jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet u libertajiet fondamentali ta’ l-esponenti kif protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u kif dispost fl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol ta’ l-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali kif provdut mill-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti joghgobha:

“1. tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti, l-intimati kisru/illedew id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem kif provdut fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u kif dispost fl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol ta’ l-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-

Bniedem u Libertajiet Fondamentali kif provdut mill-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. tiffissa kumpens dovut lir-rikorrenti;

“3. taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq;

“Rat ir-risposta tal-intimati Korporazzjoni Enemalta fejn gie sottomess:-

“Preliminarjament illi l-azzjoni odjerna tidher intiza ghar-rizarciment ta’ danni derivanti mill-allegata limitazzjoni sofferta mir-rikorrenti fl-uzu u tgawdija tal-proprjeta` taghhom. Ghal dawn l-allegati danni il-Ligi ordinarja tikkontempla diversi azzjonijiet ta’ rimedju u ghalhekk jidher car li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji l-ohra effettivi u facilment acessibbli fid-dritt civili;

“Illi ghalhekk l-esponenti nomine jissottometti bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex tiehu konjizzjoni ta’ dan ir-Rikors u dan skond il-provedimenti ta’ l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

“Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal fuq espost mhux minnu li l-ghazla tal-post tal-Power Station f’M’Xlokk ma kenitx determinata eskluzzivament minn kriterji teknici u fl-interess pubbliku u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tar-Rikors;

“Illi fil-fatt l-ghazla tas-sit ghal-Power Station il-gdida giet deciza wara diversi rakkomandazzjonijiet teknici kemm minn esperti lokali kif ukoll barranin;

“Illi barra minn dan mhux minnu illi l-bini ta’ din il-Power Station ghamilha impossibli li r-rikorrenti ikomplu jgawdu u juzaw il-fond in kwistjoni;

“Ghalhekk il-Korporazzjoni intimata talbet li t-talbiet tar-rikorrenti Mintoff ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

“Rat ir-risposta tal-intimati Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru ghall-Ambjent fejn gie sottomess:-

“1. Preliminarjament, illi r-rikorrenti ghadhom ma ezawrixxewx ir-rimedji ordinarji taghhom ghall-allegazzjonijiet taghhom, anke tenut kont li hemm ordinarjament pendenti fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili kawza b’mertu identiku, u ghalhekk din il-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha u tastjeni milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;

“2. Illi hija l-prerogativa tal-Gvern li jaghzel fejn jirrealizza l-progett in kwistjoni wara li jkun ghamel l-istudji u l-accertamenti necessarji, kif effettivament ghamel fil-kaz odjern;

“3. Illi jigi fejn jigi realizzat progett simili fit-territorju limitat ta’ Malta, dejjem ser ikollok probabilita’ li jinholoq xi ftit tal-inkonvenjent lil xi hadd, kif forsi seta’ gralhom ir-rikorrenti, pero’ zgur mhux tali li jesponi lill-esponenti ghal xi danni kif qed jippretendu r-rikorrenti, pretensjoni bbazata merament fuq passjoni politika f’mohh ir-rikorrenti, liema passjoni ironikament qeghda tigi attribwita lill-esponenti. Dak li qed jghidu r-rikorrenti hawnhekk jista’ facilment u nfondatament jintqal minn kwalunkwe persuna ohra li kieku l-progett in kwistjoni alternattivament kellu jigi realizzat x’imkien iehor;

“Rat is-sentenza ta din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-11 ta’ Awissu 1995 li biha gie dikjarat li r-rikorrenti sofrew u ghadhom isofru vjolazzjoni tad-dritt fondamentali taghhom billi gew u qed jigu privati mit-tgawdija pacifika tal-possedimenti u dana kif sancit fl-Ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u gie ukoll dikjarat li, in vista ta’ din id-dikjarazzjoni ma hemmx lok ghal decizjoni jekk dawn l-istess fatti u agir jivvjolawx l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta Malta billi f’kull kaz ir-rimedju miftuh ghar-rikorrenti kien u hu ikun identiku u gie dikjarat ukoll li ma tirrizultax lezjoni ta’ l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Din il-Qorti (diversament presjeduta) sussgwentement iddifferit il-kawza ghal-

kontinwazzjoni u ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rimedju xieraq u adegwat li ghalih jirrizulta li huma intitolati ir-rikorrenti;

“Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta’ April 1996 fejn il-Qorti ddikjarat li l-konkluzjoni raggjunta mill-Ewwel Qorti li c-cirkostanzi jammontaw ghall-esproprijazzjoni “de facto” hija korretta u timmerita konferma u ghalhekk iddisponiet miz-zewg appelli, cioe` dak ta’ l-Onorevoli Prim Ministru in rapprezentanza tal-Gvern ta’ Malta, u ta’ l-Onorevoli Ministru ghall-Ambjent, kif ukoll dak ta’ l-Arkitett Joseph Ellul Vincenti bhala Chairman ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni EneMalta, billi cahdet l-istess u konsegwentement ikkonfermat is-sentenza appellata fit-totalita` taghha. Fl-ahhar l-atti gew rinvjati lill-din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni finali skond il-Ligi;

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

“Semghet lir-rikorrenti u xhieda prodotti mill-partijiet;

“Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2004 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza kemm dwar il-kwestjoni tan-novazzjoni kif ukoll jekk ikun il-kaz dwar il-kumpens li hu dovut lir-rikorrenti cioe` l-mertu li fadal li jigi deciz f'din il-kawza;

“Rat il-varji noti ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti u dik tal-intimati dwar dak li fadal x'jigi deciz f'dawn il-proceduri;

“Ikkonsidrat:

“In vista tal-imsemmija sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' April 1996 jibqa biss li jigi deciz x'inhu r-rimedju xieraq u adegwat li ghalih huma intitolati ir-rikorrenti. Ghalhekk baqa li jigu decizi t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti u cioe` baqa li jigi ffissat il-kumpens dovut lir-rikorrenti u li jinghata kull rimedju, direttiva u kumpens li din il-Qorti jidhrilha xieraq;

“Bis-sentenzi ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-11 ta' Awissu 1995 u tal-Qorti Kostituzzjonali gie dikjarat li r-rikorrenti sofrew u ghadhom isofru vjolazzjoni tad-dritt fondamentali taghhom billi gew u qed jigu privati mit-tgawdija pacifika tal-possedimenti u dana kif sancit fl-Ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u li in effett ic-cirkostanzi tal-kaz jammontaw ghall-esproprijazzjoni “de facto”;

“Dina l-Qorti hi tal-opinjoni li, f'dan l-istadju, l-imsemmija zewg sentenzi jimmeritaw li jigu esaminati b'daqsxejn aktar attenzjoni u dana b'referenza specjali ghal dak li fadal x'jigi deciz bil-presenti sentenza. Dina l-Qorti, diversament presjeduta, fl-imsemmija sentenza taghha rrimarkat li kien gie stabbilit li r-rikorrenti huma il-proprietarji tal-fond in kwestjoni cioe` dak maghruf bhala “L-Gharix” fi Triq Delimara, Marsaxlokk, liema fond jintuza regolarment mir-rikorrenti ghall-abitazzjoni. Kien irrizultalha lill-imsemmija Qorti li fit-18 ta’ April 1988, b’Avviz Legali 294, l-Agent President kien hareg ordni ta’ esproprjazzjoni ghall-akkwist ta’ artijiet f’Marsaxlokk b’titolu ta’ xiri assolut billi l-artijiet kienu mehtiega ghal skop pubbliku. L-artijiet hekk esproprjati kienu jeskludu l-imsemmija proprjeta tar-rikorrenti. Ghalhekk il-proprjeta tar-rikorrenti ma gietx esproprjata in konnessjoni mal-bini tal-Power Station f'Marsaxlokk ghalkemm l-istess proprjeta kienet biswit l-artijiet espropriati. Eventwalment il-Power Station inbniet;

“Fis-sentenza in esami din il-Qorti, diversament presjeduta, rrimarkat li, sakemm inbniet il-Power Station il-fond tar-rikorrenti kien igawdi "posizzjoni ta’ sbuhija naturali kbira w invidjabbili. Illum bhala konsegwenza diretta tal-bini tal-Power Station dan hu – almenu fuq in-naha fejn din inbniet oltre t-triq – ghal kollox u b’mod irriversibbli rovinat….Il-hsara ekologika hi ovvjament irrimedjabbili w irriversibbili, di piu’ ic-cumnija massicca tal-Power Station tiela’ ghall-gholi ta’ 250 metru proprju quddiem il-faccata tal-proprieta’ tar-rikorrenti u ftit metri l-boghod minnha.  Dan ghaliex bejn din il-proprieta’ w il-Power Station hemm biss jaqsam mat-tul kollu l-wiesgha tat-triq pubblika ta’ mhux aktar minn 15-il pied." U iktar "L-

ewwel fattur huma l-hsejjes kbar li Power Station ta' din ix-xorta u kobor tiggenera. Aktar gravi huwa l-emmissjoni ta' gassijiet tossici w emissjonijiet ohra li regolarment johorgu mic-cumnija tal-Power Station.";

“L-imsemmija Qorti kkonkludiet li bil-bini tal-Power Station ir-rikorrenti gew ipprivati mit-tgawdija tal-proprieta' taghhom bla kumpens. Dritt dan li gie rikonoxxut fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-Qorti kkonkludiet ukoll li hi sodisfatta illi l-estremi ta' espropriazzjoni de facto jokkorru fil-kaz taht ezami. Ghalhekk il-Qorti ddecidiet li tirrizulta vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti fl-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 319. Dan l-Artikolu jiddikjara “it-tgawdija pacifika tal-possedimenti” bhala dritt fondamentali b'mod esplicitu, esigibbili u l-ksur tieghu jimporta l-obbligu ta' rimedju adegwat;

“Fl-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, dik il-Qorti rrimarkat li "l-valur ekonomiku tal-proprjeta` giet menomat sal-punt li difficilment wiehed jista' jimmagina li ghad fadlilha xi valur kummercjali rilevanti. Infatti bhala konsegwenza diretta tal-kostruzzjoni tal-Power Station ftit metri l'boghod mill-proprjeta` taghhom, ma hemmx dubbju li l-istess proprjeta` tilfet, kwazi ghal kollox, il-valur soggettiv taghha ghar-rikorrenti li ma jistghux jibqghu juzawha ghall-iskop ta' abitazzjoni li ghaliha kienet mahsuba u regolarment uzata. F'dan is-sens ukoll il-kwalita' tal-hajja taghhom giet avversament u b'mod gravi affetta." Dik il-Qorti kompliet tirrimarka li - "Kien car fic-cirkostanzi li f'sitwazzjoni normali l-prudenza u r-raguni kienu jiddettaw li l-proprjeta` tal-konjugi Mintoff tigi wkoll formalment esproprijata flimkien ma' l-art l-ohra kollha li effettivament giet esproprijata." U aktar - "Fl-ahhar nett jigi osservat ilil kif jirrizulta mill-provi, bhala rizultat ta' dak li gara u tas-sitwazzjoni li giet krejata, l-konjugi Mintoff ma ghamlux aktar uzu minn din il-proprjeta` – uzu regolari li precedentement jirrizulta li kienu jaghmlu. F'dan il-kuntest hu kompletament irrilevanti dak li ssottomettew l-appellanti, u cioe`, illi l-proprjeta` “de quo” ma tikkwalifikax bhala residenza ta' l-appellati. Hu rrilevanti ghax dritt ta' proprjeta` ma jiddependix mill-aspett ta' residenza u

ghaliex din il-Qorti hija sodisfatta li hemm prova aktar milli sodisfacjenti ta’ l-uzu li l-konjugi Mintoff kienu jaghmlu mill-istess proprjeta` qabel ma avvera ruhu dak li gie deskritt aktar ‘l fuq – uzu li llum m’ghadux aktar possibbli.";

“L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali finalment iddikjarat li l-konkluzjoni raggjunta mill-Ewwel Qorti li c-cirkostanzi jammontaw ghall-esproprijazzjoni “de facto” hi korretta u ghalhekk timmerita konferma;

“Dak kollu li gie deciz fl-imsemmija zewg sentenzi jorbot u jivvinkola lill din il-Qorti, li ghalhekk trid tiddeciedi dak li fadal x'jigi deciz skond il-konsiderazzjonijiet u d-decizjonijiet kif kontenuti fl-istess sentenzi. Fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz din il-Qorti thoss li ghandha tirribadixxi dak li ntqal fl-imsemmija zewg sentenzi fis-sens li la darba rrizulta li kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u cioe` tal-Perit Duminku Mintoff, huwa, bhala kull cittadin iehor, hu intitolat ghal rimedju adegwat biex tali lezjoni tigi rimedjata. Ir-rikorrent Perit Mintoff ghalhekk ghandu jigi trattat bhal kull persuna ohra li hu ntitolat ghall-protezzjoni tal-ligi u xejn aktar. Ghalhekk ir-rikorrenti zgur li la ghandu jigi penalizzat u lanqas ma ghandu jigi agevolat minhabba l-passat tieghu ta' figura ewlenija u importanti fil-kuntest politiku tal-pajjiz. Il-fatt li hu kien jokkupa l-kariga ta’ Prim Ministru ta’ Malta ghal hafna snin bl-ebda mod ma jista’ jivvantaggja jew jippregudika l-jeddijiet kostituzzjonali tieghu. Hu mehtieg ghalhekk li r-rikorrenti jigi trattat daqs kull cittadin iehor u m'ghandhomx isiru konsiderazzjonijiet, politici jew ta' xorta ohra, li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kwestjoni;

“Jirrizulta b'mod car u evidenti li, in vista tal-imsemmija sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, l-partijiet kienu kontinwament involuti fi trattattivi u negozjati li kellhom iwasslu sabiex din il-kawza tigi transatta. Fi kliem iehor il-partijiet kienu kontinwament impenjati fi tfittxija ghall-ftehim dwar il-kumpens dovut. Dawn it-trattattivi ma kienux facli u saru anke skritturi li wara gew sorpassati. Jirrizulta li dawn it-trattattivi baqghu ghaddejjin sa ftit zmien qabel li din il-kawza giet differita sabiex tinghata din

is-sentenza u fihom kien hemm involuti maz-zminijiet varji ministri u segretarji parlamentari u f'hinijiet minnhom anke l-Prim Ministru;

“F'dan ir-rigward jirrizulta zgur li saru zewg skritturi bil-miktub. L-ewwel wahda fit-22 ta' Mejju 1998 fejn il-Gvern ta’ Malta rrikonoxxa li r-rikorrenti Perit Dom Mintoff u l-familja tieghu gew espproprijati de facto, bil-kostruzzjoni tal-Power Station il-gdida, mill-fond in kwestjoni proprjeta` taghhom. Inoltre l-Gvern ta' Malta accetta li jikkompensa lill-rikorrenti l-ewwel billi tigi trasferita lilhom bicca art fil-Fawwara bil-benefikanti eretti fuqha, a spejjez ta’ l-istess Gvern, skond pjanta li tkun approvata mill-Perit tar-rikorrenti, u liema art u benefikati kellhom jigu kalkolati li jiswew mitejn u tletin elf lira (Lm230,000) u t-tieni billi tithallas is-somma ta’ mija u tmienja u ghoxrin elf lira (Lm128,000) rapprezentanti danni sofferti minn meta l-fond in kwestjoni ma baqax utilizzabbli.  Il-Gvern accetta ukoll li ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ erbat elef, disa’ mija u hamsin lira (Lm4,950) rappresentanti l-ispiza inkorsa ghat-tiswijiet tal-fond in kwestjoni Il-partijiet ftehmu ukoll dwar l-ispejjez ta' din il-kawza u ta’ l-eventwali att ta’ trasferiment. Kien hemm ftehim ukoll dwar x'kellu jigri fil-kaz illi l-permessi tal-bini ma jkunux approvati u/jew ix-xogholijiet ta’ kostruzzjoni ma jsirux. Ir-rikorrenti f'dan il-ftehim qablu li kellhom jittrasferixxu l-fond in kwestjoni "Gharix" f'Dellimara lill-Gvern ta' Malta;

“Dan il-ftehim ma sehhx u l-idea tat-trasferiment tal-art fil-Fawwara lir-rikorrenti kellha tigi abbandunata. Minflok bdiet tigi diskussa l-possibilita li b'xi mod tinghata lir-rikorrenti bicca art fil-lokalita` maghrufa bhala x-Xifer. Ghalhekk saret minuta ta' ftehim wara laqgha li nzammet fid-19 ta' Gunju 2002, iffirmata mill-Ministru tal-Finanzi ta' dak iz-zmien ghall-Gvern ta' Malta u mir-rikorrenti il-Perit Duminku Mintoff. B'dan il-ftehim il-Gvern kellu japplika lill-Awtorita' kompetenti sabiex jinghataw permessi sabiex isir bini fil-lokalita maghrufa bhala x-Xifer tal-estensjoni ta' 150 metru kwadru fil-pjan terran u 100 metru kwadru fl-ewwel sular. Il-binja kellha tigi kostruwita a spejjez tal-Gvern u wara li l-post jinbena dan kellu jigi trasferit lir-rikorrenti skond il-ligi. F'kaz ta' tender ir-rikorrenti kellu jinghata

"right of first refusal". B'dan l-istess ftehim il-fond in kwestjoni cioe` dak maghruf bhala l-Gharix kellu jissewwa a spejjez tal-Gvern minnghajr ebda tkabbir u jibqa proprjeta tar-rikorrenti. Il-Gvern obbliga ruhhu li jikkompensa lir-rikorrenti ta' l-inkonvenjent u danni minhabba l-vicinanza tal-Power Station. Filwaqt li r-rikorrenti qablu li jixtru bil-prezz tas-suq il-proprjeta li ser tigi mibnija fuq l-art tax-Xifer. F'dan ir-rigward l-partijiet qablu li jkun hemm tpacija bejn il-kumpens dovut lir-rikorrenti u l-prezz tal-eventwali binja fl-art tax-Xifer. Jigi rilevat, pero', li l-ammont tal-kumpens dovut lir-rikorrenti u l-valur tal-bini fix-Xifer ma gewx likwidati fil-ftehim. Inoltre l-partijiet ftehmu li l-Gvern kien ser ihallas lill-Perit Mintoff is-somma ta' tmenin elf liri maltin (Lm80000) ghas-saldu ta' kull inkonvenjent li seta sofra sal-lum bhala rizultat ta' kull inkonvenjent dwar il-fond l-Gharix. Fl-ahhar nett il-partijiet iddikjaraw li dan kien l-uniku ftehim bejnithom u li bih kienu qed jittransigu l-pendenzi kollha ta' bejnithom u dan l-istess ftehim kien qed ihassar kwalunkwe ftehim iehor li sar qabel;

“Il-kwestjoni hawn hi jekk din il-kawza gietx transatta permezz ta dan il-ftehim. Id-domanda ghalhekk hi jekk issa huwiex il-kontenut tal-istess ftehim li qed jiregola esklusivament r-relazzjoni bejn il-partijiet ghar-rigward tar-rimedju li ghandu jinghata. Jekk il-kawza giet transatta din il-Qorti ghandha tieqaf hawn u ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza;

“L-artikolu tal-ligi li hu rilevanti ghal finijiet ta' din il-kwestjoni hu l-artikolu 1719 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jittratta dwar meta transazzjoni trid issir b'att pubbliku meta l-ftehim in kwestjoni sar biss permezz ta' skrittura privata. Dawn il-provedimenti testwalment jistipulaw kif gej:-

**“1719(1) Jekk il-kawza li ghaliha l-partijiet iridu jaghtu tmiem, jew li jkunu jridu jevitaw, ikollha b'oggett hwejjeg immobli, t-transazzjoni ma tiswiex jekk ma ssirx b'att pubbliku.**

**“(2) Dan jghodd ukoll meta, sabiex issir it-transazzjoni, tinghata jew titwieghed haga immobbli.”**

“Dawn il-provedimenti huma cari. Fl-opinjoni tal-Qorti, in vista ta' dawn l-istess provedimenti, t-transazzjoni in kwestjoni kellha ssir b'att pubbliku u dana peress li fit-transazzjoni hemm involuta haga immobbli li giet mwieghda li ghandha tghaddi ghand ir-rikorrenti. In effett il-ftehim in kwestjoni jipprospetta li l-post li ser jibni l-Gvern f'Tax-Xifer kellu jigi trasferit lir-rikorrenti dejjem skond il-ligi, filwaqt li r-rikorrenti qablu li jixtru l-istess post bil-prezz tas-suq. F'dan ir-rigward il-partijiet ipprospettaw ukoll li seta jkun hemm tpacija mal-kumpens talvolta dovut lir-rikorrenti. In vista ta' dan kollu nonostante li fil-ftehim in kwestjoni il-partijiet iddikjaraw li permezz tal-istess ftehim huma kienu qed jittransigu l-pendenzi kollha ta' bejnithom, din l-istess transazzjoni ma tistax tigi meqjusa bhala valida u ghalhekk il-ftehim in kwestjoni qed jigi dikjarat null u minghajr effett;

“Inoltre l-ftehim jinkorpora diversi kwestjonijiet li ghandhom fattur mhux maghruf u li mhux regolati bl-istess ftehim. Hemm termini li huma neqsin li jistghu jrendu l-ftehim inesigwibbli. Difatti mill-provi jirrizulta li sa ftit zmien ilu d-Dipartiment tal-Gvern kompetenti ma kienx nghata l-approvazzjoni mill-Ministeru kompetenti sabiex isir l-bini f'Tax-Xifer u dana nonostante li kienu gew ottjenuti l-permessi kollha tal-bini;

“In vista ta' dan kollu, ghalhekk, il-Qorti ser tghaddi biex tistabilixxi r-rimedju li hu l-aktar adegwat u l-aktar effettiv fic-cirkostanzi presenti u dana skond il-ligi u dejjem b'referenza ghall-lezjoni li jirrizulta li sofrew ir-rikorrenti. F'dan ir-rigward din il-Qorti ghandha poteri ampji moghtija lilha mil-ligi. Hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li r-rimedju l-aktar effettiv u adegwat ghandu jiehu forma ta' kumpens f'ammont ta' flus li ghandu jithallas mill-intimati in solidum bejnithom lir-rikorrenti;

“Sabiex tigi ffissata din is-somma ser tinghata konsiderazzjoni lill-dak kollu li ntqal fl-imsemmija sentenzi ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) u tal-Qorti

Kostituzzjonali u dana kif riportati aktar il-fuq fil-presenti. F'dan ir-rigward issir referenza specjali ghal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonli fis-sens li f'sitwazzjoni normali kien ikun aktar prudenti u aktar ragionevoli kieku l-proprjeta` in kwestjoni giet formalment esproprijata;

"Ghandu jigi konsidrat ukoll li in effett gie deciz li hawnhekk kien hemm esproprjazzjoni de facto tal-proprjeta tar-rikorrenti minghajr ma kien hemm kumpens xieraq ghall-esproprjazzjoni. F'kazijiet ta' esproprjazzjoni ghandu jinghata kumpens xieraq relatat mal-valur tal-proprjeta in kwestjoni. Ghalhekk trid issir referenza lir-relazzjoni tal-periti addizjonali l-aktar ghal dak li jirrigwarda l-valur tal-fond l-"Gharix" fiz-zmien immedjatament qabel ma nbniet il-Power Station. F'dan il-kuntest ghandu jigi puntwalizzat li fl-imsemmija sentenzi precedenti ntqal li r-rikorrenti "sofrew u ghadhom isofru vjolazzjoni tad-dritt fondamentali taghhom" (enfazi ta' din il-Qorti). Ghalhekk peress li l-kumpens qed jigi deciz b'din is-sentenza ser jittiehed in konsiderazzjoni it-trapass taz-zmien minn meta nbniet il-power Station sal-gurnata tal-lum. Dan ser ikun rifless fis-somma li ser tigi likwidata;

"Hi ukoll l-opinjoni ta' din il-Qorti li m'ghandux biss jittiehed il-valur intrinsiku tal-proprjeta` in kwestjoni. Ghandu ukoll jigi kalkolat l-inkonvenjent li sofrew ir-rikorrenti meta tqieghdu fl-impossibilita' li jkomplu juzaw il-fond meta huma, specjalment il-Perit Duminku Mintoff kienu juzawh regolarment anke in konnessjoni mal-kariga tieghu meta kien Prim Ministru ta' Malta. Il-kwestjoni li fl-istess fond graw anke fatti li jistghu jigu deskritti bhala storici hi, fl-opinjoni tal-Qorti, wahda marginali pero' li ghandha tinghata ukoll certa konsiderazzjoni. Dan l-element storiku jappartjeni essenzjalment lill fond innifsu. Ma hemm ebda indikazjoni li l-fond ser jigi distrutt u ghalhekk dan l-element hu marginali, pero' dan l-istess element ser jinghata xi kunsiderazzjoni fil-fissazzjoni tal-kumpens dovut u dana peress li hu marbut intrinsikament u soggettivament mal-hajja pubblika tar-rikorrenti Perit Duminku Mintoff, li issa tqieghed f'posizzjoni li ma jistax juzah aktar;

“Ser jigi konsidrat ukoll dak kollu li ftehmu l-partijiet fl-imsemmija zewg skritturi li fi kwalunkwe kaz kienu jirregolaw ir-rimedji li setghu nghataw lir-rikorrenti;

“Jirrizulta inoltre li r-rikorrenti, fil-mori ta' dawn il-proceduri, thallsu certi ammonti akkont ta' dak li seta kien dovut lilhom in vista ta' dawn il-proceduri. Hu ovvju li dawn l-ammonti thallsu u gew accettati minghajr pregudizzju. Fi kwalunkwe kaz dawn l-istess ammonti ghandhom jitnaqqsu mill-ammont komplessiv li ser jigi likwidat bhala kumpens dovut lir-rikorrenti;

“Jigi rilevat li l-kwestjoni tal-mobbli u l-hsarat li setghu sofrew il-mobbli u l-assikurazzjoni tal-istess mobbli li jinsabu fil-fond in kwestjoni hi kwestjoni ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri. Din mhux kawza ghad-danni izda kawza fejn qed jigi likwidat il-kumpens xieraq u gust dovut lir-rikorrenti in vista tal-lezjoni li huma sofrew fid-drittijiet fundamentali taghhom u dana kif sancit mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Jekk ir-rikorrenti minhabba xi agir ta' xi hadd sofrew xi danni ulterjuri huma ghandhom jipprocedu f'dan ir-rigward skond il-ligi;

“Lanqas ma hi ser tinghata konsiderazzjoni lill-allegazzjoni tar-rikorrenti li fil-passat huma gew offerti kumpens ta' miljun lira maltin. Din l-allegazzjoni ma gietx ippruvata u zgur li mhux ibbazata fuq xi opinjoni teknika. In effett ir-rikorrenti qed jippretendu li l-kumpens ghandu jigi likwidat f'somma ta' oltre miljun liri maltin;

“Huwa minnu ukoll li wara li tinghata din is-sentenza l-proprjeta tal-fond in kwestjoni cioe` l-Gharix f'Marsaxlokk ser tibqa tar-rikorrenti. Dan il-fattur ukoll ser jittiehed in konsiderazzjoni. Pero` ghandu ukoll jigi konsidrat li, kif intqal fl-imsemmija zewg sentenzi li nghataw f'dawn il-proceduri, l-valur ta' din il-proprjeta illum gie prattikament azzerat u zgur li ma tistax tintuza ghall-uzu normali taghha ta' abitazzjoni;

“Tenut kont ta dan kollu u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz is-somma li ghandha tinghata lir-rikorrenti bhala kumpens

qad tigi likwidata fl-ammont ta' tlett mija u sittin elf liri maltin (Lm360,000);

“Ghal dawn il-motivi kollha:

“Tiddeciedi dwar it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti billi tiddikjara li r-rimedju gust u adegwat li ghandu jinghata lir-rikorrenti ghal-lezjoni sofferta minnhom tad-drittijiet fundamentali taghhom ghandu jiehu l-forma ta' kumpens li ghandu jithallas lir-rikorrenti mill-intimati in solidum bejnithom u tillikwida dan il-kumpens fis-somma komplessiva ta' tlett mija u sittin elf liri maltin (Lm360,000). Minn din is-somma ghandhom jitnaqqsu l-ammonti kollha li thallsu lir-rikorrenti fil-mori ta' dawn il-proceduri u in konsiderazzjoni ta' dawn il-proceduri. Bl-imghaxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

“Spejjez kontra l-intimati in solidum bejnithom.”

**L-appelli**

**7.** L-ewwel li appellaw kienu r-rikorrenti – il-Perit Mintoff, Anna McKenna u Yana Joan Mintoff Bland – permezz ta’ rikors minnhom presentat fis-7 ta’ Settembru 2004 (fol. 1898). Tlett ijiem wara – 10 ta’ Settembru 2004 – appellaw l-intimati (Prim Ministru, Ministru ghall-Ambjent u *Chairman* tal-Korporazzjoni Enemalta) permezz ta’ rikors wiehed bejniethom.

**8.** L-aggravji tar-rikorrenti huma, bazikament, aggravju wiehed, fis-sens li r-rimedju moghti mill-Prim Awla bis-sentenza appellata ma kienx adegwat, u anke il-kumpens f’forma pekunjarja kellu jkun oghla. Aktar specifikatament l-aggravji – jew ahjar, l-argumenti in sostenn ta’ dan l-uniku aggravju – jistghu jigi sintetizzati hekk: (**i**) il-fatt li l-ewwel Qorti kienet konxja – u dan qalitu fis-sentenza taghha – li l-Perit Mintoff kien persuna pubblika li kien ga okkupa karika gholja fil-pajjiz, jidher li hadem kontra komputazzjoni u kalkolu ta’ rimedju adegwat, fis-sens li dik l-ewwel Qorti “ghamlet valutazzjoni tant rigida illi tirrizulta inekwa u ingusta ma’ l-appellanti, billi dawn ma

gewx moghtija l-kumpens li verament jixirqilhom, imma kumpens ferm ridott”; (**ii**) illi huma ma nghatawx rimedju effettiv ghax l-ewwel Qorti ma kkunsidratx bizzejjed il-fatt li hija stess, bl-ewwel sentenza taghha, kif konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta’ April 1996, mhux biss kienet irriteniet li sofrew izda wkoll li kienu ghadhom isofru tali lezjoni, b’mod ghalhekk li dan l-aspett ta’ lezjoni permanenti ma giex ikkunsidrat bizzejjed mill-ewwel Qorti; (**iii**) illi l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti biex waslet ghall-ammont indikat fis-sentenza taghha (appellata) ma kienux ghal kollox korretti; (**iv**) l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-fatt li huma qed jigu pprivati wkoll mill-godiment tal-oggetti li jinsabu, jew li kienu jinsabu, f’ “Il-Gharix”, li xi whud minnhom gew misruqa jew sofrew danni minhabba l-fatt li l-post kien abbandunat; (**v**) il-valur tad-dar in kwistjoni ma kellhiex tigi stmata qabel jew minnufih wara li nbniet il-*Power Station*, izda skond il-valur taghha llum; (**vi**) kumpens pekunjarju ma kienx, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, rimedju adegwat; rimedju adegwat kien ikun li kieku l-Perit Mintoff jinghata “post alternattiv li jista’ jintuza minnu flok “L-Gharix” li ma jistax jintuza”; u li l-intimati kellhom ukoll jigu ordnati li jipprovdu ghall-“assigurazzjoni ta’ l-oggetti li hemm fl-Gharix u ghall-konservazzjoni taghhom biex ma jgarrbux aktar hsara”; (**vii**) l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna li mill-ammont stabbilit jitnaqqsu l-ammonti li kienu diga` thallsu, ghax tali tnaqqis ma kienx jiehu in konsiderazzjoni d-danni li r-rikorrenti, u specjalment ir-rikorrent Perit Mintoff, kienu sofrew wara li saru dawk il-pagamenti u sad-data tas-sentenza appellata; (**viii**) l-ewwel Qorti zbaljat meta ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li “l-appellanti kienu gew offruti kemm is-somma ta’ miljun lira halli jirrinunzjaw ghal ‘L-Gharix’, kif ukoll li jinghataw il-Palazz ta’ l-Inkwizitur bhala alternattiv”; (**ix**) l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellati naqsu milli jiehdu “azzjoni tempestiva u deciza sabiex iwettqu rimedju xieraq u adegwat wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta’ April 2002”; skond l-appellanti, l-appellati ghandhom jinzammu responsabbli wkoll ta’ kemm damu dawn il-proceduri, bil-hsara “li kibret dejjem mat-tul taz-zmien”. Ghalhekk dawn l-appellanti – il-Perit Mintoff u uliedu – talbu li din il-Qorti tirriforma s-

sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-eccezzjoni ta' l-intimati li l-kawza kienet giet transatta izda tirrevokaha in kwantu bhala kumpens u rimedju illikwidat is-somma komplessiva ta' Lm360,000, bir-riduzzjoni tal-ammonti gja mhallsa kif hemm fis-sentenza, "u b'hekk tiddeciedi billi taghti dawk ir-rimedji kollha mehtiega biex titnehha l-imsemmija vjolazzjoni, anke kif indikat fl-aggravji premessi, u tillikwida bhala kumpens somma superjuri ghal dik gja likwidata, mil-liema somma ma ghandhomx jitnaqqsu il-pagamenti li ghalihom saret referenza fis-sentenza appellata".

**9.** L-aggravji ta' l-intimati, mill-banda l-ohra, li jirrigwardaw kemm il-kap tal-fissazzjoni tal-kumpens kif ukoll il-kap ta' l-ispejjez, jistghu jigu sintetizzati hekk: (**a**) is-sentenza appellata kellha biss tiffissa kumpens ghall-"esproprjazzjoni", ankorke` biss *de facto*, tal-proprjeta` tar-rikorrenti; skond dawn l-appellanti l-metodu li messha addottat l-ewwel Qorti kien li l-Gvern jigi ordnat li jesproprja l-proprjeta` in kwistjoni u l-hlas isir skond il-kriterji tal-ligi ordinarja, cioe` il-Kap. 88; bil-pagamenti li diga` saru lir-rikorrenti, huma gew li effettivament tilfu l-istatus taghhom ta' "vittmi" ta' ksur tad-drittijiet fondamentali; (**b**) li l-ewwel Qorti zbaljat meta akkordat kumpens ammontanti ghall-valur shih tal-proprjeta` meta l-istess proprjeta` ser tibqa' ghand ir-rikorrenti; b'mod ghalhekk li, skond dawn l-appellanti, il-valur tal-fond kellu jitnaqqas mill-kumpens fil-kaz li l-istess fond ma jigix trasferit lill-Gvern; (**c**) l-ewwel Qorti ma messha qatt hadet in konsiderazzjoni fl-iffissar tal-ammont ta' kumpens "fatturi soggettivi u sentimentali bhalma huma l-fatt illi r-rikorrenti [<u>recte</u>: ir-rikorrent Perit Mintoff] kien juza l-fond ghall-attivitajiet konnessi mal-kariga tieghu meta kien Prim Ministru"; (**d**) galadarba r-rikorrent Perit Mintoff allega li xi hadd kien offrielu miljun lira ghal "L-Gharix" dan kien ifisser li "id-danni li [hu] sofra sussegwentement kienu…*self-inflicted* u dan il-fatt kien ukoll jikkostitwixxi konsiderazzjoni relevanti ghall-fissazzjoni tal-kumpens specjalment jekk, kif sar, dak il-kumpens ikun qed jigi ffissat b'mod generuz"; (**e**) l-ammont ta' kumpens huwa wkoll esagerat meta wiehed iqis dak li huwa normalment ottenibbli quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-

Bniedem; (**f**) galadarba l-ewwel Qorti rriteniet li l-iskritturi ta' transazzjoni ma kienux effettivament tali, kienet skorretta meta hija hdet dawn l-iskritturi in konsiderazzjoni fil-fissazzjoni tal-kumpens; (**g**) fl-ahharnett, dawn l-appellanti jilmentaw mill-kap ta' l-ispejjez fuq il-bazi li r-rikorrenti "giebu hafna xhieda illi rrizultaw illi kienet irrelevanti u illi huma ma pprevalixxewx ruhhom minn diversi opportunitajiet tajbin illi jitransigu din il-kawza f'termini favorevoli".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**10.** Din il-Qorti tibda billi tosserva li dawn iz-zewg appelli gew trattati quddiem din il-Qorti – kif illum komposta – fl-udjenzi tad-29 ta' Novembru 2004 u 10 ta' Jannar 2005. Fid-29 ta' Novembru 2004 stess l-appellant Perit Duminku Mintoff ippresenta "nota" ta' sottomissjonijiet fir-Registru minghajr il-permess ta' din il-Qorti – ghax jidher li kienet saret hekk prattika li jaghmel quddiem l-ewwel Qorti – u wara li fl-10 ta' Jannar 2005 l-appelli thallew ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2005, u wara wkoll li f'dik l-istess udjenza din il-Qorti kienet cahdet talba tal-Avukat Dott. Karmenu Mifsud Bonnici – li deher ghall-imsemmi appellant flimkien ma' l-Avukat Ian Refalo – biex jippresenta nota ta' osservazzjonijiet, il-Perit Dminku Mintoff xorta wahda ppresenta "rikors" fis-17 ta' Marzu 2005. Dan gie notifikat lill-kontroparti, li baqghu ma ppresentawx risposta. F'dan ir-rikors l-imsemmi appellant ghamel diversi sottomissjonijiet fil-meritu u talab li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' dak li kien qed jissottometti u li l-kawza tigi "rikjamata" ghal trattazzjoni b'urgenza. Din il-Qorti, b'digriet kamerali tas-27 ta' April 2005, filwaqt li laqghet l-ewwel talba fis-sens li ddikjarat li kienet ser tiehu konjizzjoni tal-fatti kif migjuba f'dak ir-rikors, cahdet il-kumplament tat-talba – cioe` ghall-urgenza u ghar-rikjam. Kjarament ir-"rikors" sar sabiex ir-rikorrent appellant jipprova jghaddi mit-tieqa minflok mill-bieb galadarba din il-Qorti kienet cahditlu t-talba (fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2005, imsemmija) biex jippresenta "nota ta' osservazzjonijiet". Saru diversi "rikorsi" u "noti" ohra dejjem ftit qabel ma din il-Qorti tkun ser tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza: ara r-rikors tal-25 ta' Mejju 2005,

in-nota tad-19 ta’ Settembru 2005, u n-nota tat-23 ta’ Novembru 2005. Fit-28 ta’ Novembru 2005 – il-kawza kienet issa giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta’ Dicembru 2005 – gie ppresentat rikors iehor, din id-darba “tal-Perit Dominic Mintoff et” li permezz tieghu intalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jingiebu provi godda. B’digriet tal-25 ta’ Novembru 2005, din il-Qorti ordnat biss is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tisma’ x’kellhom xi jghidu l-kontroparti. Ghalhekk fl-udjenza tas-16 ta’ Jannar 2006, din il-Qorti ddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni tar-rikors tal-15 ta’ Novembru 2005 ghas-27 ta’ Frar 2006. Prorprju fis-27 ta’ Frar 2006 rega’ gie presentat rikors iehor “tal-Perit Domenic Mintoff et”, li permezz tieghu talab li din il-Qorti taghti direttivi “interim”. Il-kawza kellha ghalhekk terga’ tigi differita ghall-20 ta’ Marzu 2006 ghat-trattazzjoni taz-zewg rikorsi – kemm dak tal-15 ta’ Novembru 2005 kif ukoll dak tas-27 ta’ Frar 2006. B’digrieti moghtija fl-20 ta’ Marzu 2006, din il-Qorti cahdet it-talbiet kontenuti fl-imsemmija rikorsi.

**11.** Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha, inkluzi dawk presentati fil-mori ta’ dana l-appell. Issa, il-qofol taz-zewg appelli huwa jekk l-ewwel Qorti kienitx korretta fir-rimedju li hija tat lir-rikorrenti ghal-lezjoni tad-dritt taghhom kif riskontrat fis-sentenza tal-11 ta’ Awissu 1995, u konfermata bis-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament komposta) tat-30 ta’ April 1996. Ir-rikorrenti qed ighidu bazikament li l-kumpens ma kienx adegwat kemm fil-*quantum* kif ukoll ghax kellu jigi ordnat li l-intimati jipprovdu post alternattiv ghall-post li ma baqax abitabbli; l-intimati, da parti taghhom, jikkontendu bazikament li l-ammont likwidat, minkejja t-tnaqqis ta’ dak ga mhallas, kien eccessiv.

**12.** Fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, meta si tratta ta’ kumpens ghal esproprjazzjoni *de facto*, il-kriterju principali – pero` mhux neccessarjament l-uniku, kif ser naraw – li bih wiehed ghandu jiddetermina r-rimedju xieraq u effettiv huwa l-valur tal-proprjeta` in kwistjoni. Fil-kaz in dizamina, qed nitkellmu dwar fond, dar ta’ abitazzjoni, li saret inabitabbli. Min kien jabita fiha, ghalhekk, ghandu dritt,

bhala minimu, li jigi risarcit l-ekwivalenti tal-valur taghha. F'dan ir-rigward, kif diga` rajna, saru zewg perizji. L-ewwel wahda (A.I.C. David Pace – fol. 1508 *et seq.*) stabbiliet il-valur tal-fond fl-1991/1992 u minghajr il-presenza tal-*Power Station* fis-somma ta' Lm 95,400. Il-periti perizjuri (fol. 1581 *et seq.*) iddeterminaw il-valur f'dan l-istess periodu (1991/1992), u dejjem minghajr il-presenza tal-*Power Station*, bhala Lm130,000. Ghandu jinghad ukoll, kif jirrizulta mill-provi (fol. 1533 *et seq.*), illi f'xi zmien bejn Marzu u April 1997 id-Direttur Generali[3] tat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern kien gie inkarigat mis-superjuri tieghu biex, flimkien ma' perit iehor[4], jaghmel stima tal-valur tal-fond *de quo* b'referenza ghal dak iz-zmien, cioe` ghas-sena 1997. Dawn stmaw il-proprjeta` (dejjem li kieku ma kienx hemm il-*Power Station*) fis-somma ta' Lm220,000 (ara dokument a fol. 1537, 1538).

**13.** Issa, ma hemmx dubbju li l-att ta' esproprjazzjoni, anke meta jkun wiehed *de facto*, huwa att istantanju (li jista' jitqies li sehh hekk kif giet terminata l-kostruzzjoni tal-*Power Station*) u mhux wiehed li ghandu min-natura ta' stat ta' fatt permanenti. Pero` l-effetti ta' tali att jistghu jipperduraw. Din il-Qorti tifhem li huwa f'dan is-sens li l-Prim Awla, fis-sentenza taghha tal-11 ta' Awissu 1995, uzat l-espressjoni "sofrew u ghadhom isofru vjolazzjoni tad-dritt fondamentali taghhom". Ghalhekk, meta qorti tigi biex tiddetermina r-rimedju effettiv li ghandha tordna fil-kaz ta' lezjoni bhal dik riskontrata f'dawn il-proceduri, hija tista' wkoll, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tiehu in konsiderazzjoni, fost affarijiet ohra, xi inkonvenjent partikolari li l-parti leza tkun sofriet b'rizultat dirett ta' dik l-esproprjazzjoni u d-dewmien sabiex jinghata r-rimedju effettiv. Meta si tratta ta' rimedju li qed jigi tradott ghal wiehed pekunjarju, il-kwantifikazzjoni trid issir piu` o meno *arbitrio boni viri*[5], u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika. Minn ezami akkurat tas-sentenza appellata jidher li hu proprju dan li ghamlet l-ewwel Qorti. Fil-waqt li dik il-Qorti gustament skartat certi sottomissjonijiet maghmula mir-rikorrenti, bhalma hija s-

[3] Il-Perit John Sciberras.
[4] Il-Perit Carmel Busuttil.
[5] *Lex non exacte definit, sed arbitrio boni viri permittit*: Grotius

sottomissjoni li l-intimati ghandhom iwiegbu anke ghall-hsarat fil-mobbli li jinsabu f'dak il-fond, hija hadet pero` in konsiderazzjoni aspetti ohra, fosthom l-inkonvenjent partikolari li sofrew ir-rikorrenti (u b'mod partikolari il-Perit Mintoff). Kwantu ghad-dewmien, huwa veru li, f'certu sens, parti mid-dewmien sakemm inghatat is-sentenza appellata kien dovut ukoll ghall-istess rikorrenti u ghall-mod kwazi ossessiv kif inundaw lil dik il-Qorti – u wara anke lil din il-Qorti – b'nota wahda wara l-ohra u anke b'deposizzjonijiet li rrizultaw li ma kienux relevanti. Kieku kien mod iehor, l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti kien ikun certament akbar. Dik il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-fond *de quo* ser jibqa' ghand ir-rikorrenti, kif ukoll li fil-mori tal-kawza thallas mill-intimati – proprjament mill-Gvern li ghalih qed jidhru l-Prim Ministru u l-Ministru ghall-Ambjent – ammont ta' flus fil-kors tad-diversi trattattivi li kienu qed isiru izda li baqghu ma waslux ghal ftehim finali u komprensiv. Ghall-precizjoni dawn l-ammonti huma: Lm128,000 fit-30 ta' Ottubru 1998 bhala "Part settlement for claim for damages in connection with the building of the Power Station at Delimara" skond il-"Letter of Intent" tat-22 ta' Mejju 1998 (ara fol. 1448, u l-"payment voucher" a fol. 1859); Lm4,950 fil-25 ta' Frar 1999 bhala "Payment for damage to property of Mr Dom Mintoff at Delimara" (ara "payment voucher" a fol. 1861); u Lm80,000 fl-20 ta' Gunju 2002 "ghas-saldu ta' kull inkonvenjent li seta' sofra sa llum bhala rizultat ta' kull inkonvenjent dwar il-fond l-Gharix" u dan b'referenza ghall-iskrittura (li pero` ma wasslet ghal ebda ftehim finali) tad-19 ta' Gunju 2002 (ara fol. 1665 u l-"payment voucher" a fol. 1863)[6]. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti hi tal-fehma li ebda wiehed mill-aggravji tar-rikorrenti, hawn aktar 'l fuq elenkati, ma jimmerita li jigi akkolt.

**14.** L-istess jista' jinghad ghall-aggravji tal-intimati minn (**a**) sa (**f**). Din il-Qorti certament ma tistax tikkondividi l-argument tal-intimati li r-rimedju kellu jkun li l-Qorti "tordna" l-esproprjazzjoni tal-fond *de quo* u jsir il-hlas skond il-kriterji tal-Kap. 88. L-esproprjazzjoni skond il-ligi,

[6] Total, ghalhekk, ga mhallas ta' Lm212,950.

jekk setghet issir, l-intimati messhom hasbu ghaliha qabel. Jekk huma deherilhom li ma kienx hemm l-interess pubbliku mehtieg skond il-ligi ghal tali esproprjazzjoni, difficilment din il-Qorti tista' tifhem kif issa qed jippretendu li jigi applikat il-Kap. 88. Sakemm l-ewwel Qorti, bis-sentenza appellata, iddeterminat il-kumpens xieraq – u ghalhekk stabbiliet rimedju effettiv – f'somma oghla minn dik li r-rikorrenti kienu rcevew "in part settlement" ghall-ksur riskontrat, ir-rikorrenti baqghu jikkwalifikaw bhala vittmi ta' ksur ta' dritt fondamentali. L-uniku ilment tal-intimati li jimmerita konsiderazzjoni huwa dak dwar il-kap ta' l-ispejjez. Kif gie osservat f'dan il-gudikat, ir-rikorrenti – u b'mod partikolari r-rikorrent Perit Mintoff – ghabbew il-process, kemm quddiem il-Prim Awla kif ukoll f'dina l-istanza ta' appell, b'hafna materjal li kien strettament irrelevanti ghall-konsiderazzjonijiet li kellhom isiru ghall-finijiet tar-risoluzzjoni tal-vertenza. U r-rikorrenti stess jahtu, in parti, ghad-dewmien kemm quddiem il-Prim Awla kif ukoll quddiem din il-Qorti. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar gust jekk l-ispejjez, kemm ta' l-ewwel istanza (i.e. dawk konnessi mas-sentenza appellata) kif ukoll dawk ta' dana l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**<u>Decide</u>**

**15.** Ghall-motivi premessi tiddisponi miz-zewg appelli interposti bil-mod segwenti:

a. Tichad l-appell interpost mir-rikorrenti Perit Duminku Mintoff, minn Anna McKenna u minn Yana Joan Mintoff Bland;

b. Tilqa' in parti l-appell interpost mill-Onorevoli Prim Ministru, mill-Ministru ghall-Ambjent u mic-*Chairman* tal-Korporazzjoni Enemalta u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata tat-30 ta' Awissu 2004 billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-intimati jhallsu l-ispejjez in solidum bejniethom, u minflok tordna li l-ispejjez konnessi mas-sentenza appellata jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li qed jigi precizat ghal kull buon fini u a skans ta' ekwivoci li l-ammonti li ghandhom

jitnaqqsu mis-somma ta’ Lm360,000 huma dawk indikati fil-paragrafu **13**, *supra*, u cioe` Lm128,000, Lm4,950 u Lm80,000.

c. L-ispejjez ta’ dina l-istanza wkoll ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti (u s’intendi, dawk konnessi mas-sentenzi tal-11 ta’ Awissu 1995 u tat-30 ta’ April 1996 jibqghu kif decizi f’dawk is-sentenzi).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------